



## Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, il-5 ta' Settembru 2019

### Jeħtieġ li jsir titjib fis-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini biex il-konsultazzjonijiet pubbliċi tal-Kummissjoni Ewropea jkunu aktar effettivi, jgħidu l-Awdituri

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-qafas tal-Kummissjoni Ewropea għall-konsultazzjonijiet pubbliċi matul l-iżvilupp u l-evalwazzjoni tal-liġijiet u tal-politiki tal-UE huwa ta' standard għoli. Skont l-awdituri, il-prestazzjoni ta' għażla ta' konsultazzjonijiet pubbliċi li saru reċentement mill-Kummissjoni kienet kumplessivament sodisfaċenti. Madankollu, huma jirrakkomandaw li l-Kummissjoni ttejjeb il-mod kif hija tilħaq liċ-ċittadini biex tippromwovi parteċipazzjoni akbar. Barra minn hekk, l-awdituri jgħidu li jeħtieġ li hija timmonitorja u tivvaluta aħjar il-kontributi taċ-ċittadini biex tipproteġi kontra l-manipulazzjoni tar-risultati.

Il-Kummissjoni tikkonsulta liċ-ċittadini u lill-partijiet ikkonċernati fl-oqsma kollha tal-azzjoni tal-UE u matul iċ-ċiklu kollu tal-politika. Huma jistgħu wkoll jikkondividu l-fehmiet tagħhom fi kwalunkwe stadju, mill-inizjazzjoni sal-evalwazzjoni tal-politiki tal-UE, permezz tal-portal tagħha "Semma' Leħnek". Il-Kummissjoni twettaq aktar minn 100 konsultazzjoni pubblika fis-sena.

L-awdituri vvalutaw jekk il-konsultazzjonijiet pubbliċi tal-Kummissjoni kinux effettivi biex jilħqu liċ-ċittadini u lill-partijiet ikkonċernati, u biex jagħmlu użu mill-kontributi tagħhom. Huma eżaminaw għażla ta' konsultazzjonijiet online li saru reċentement, inkluż dwar il-bidliet staġonali fil-ħin, il-miżuri ta' migrazzjoni u l-politika agrikola. L-awdituri wettqu wkoll sħarriġ dwar il-perċezzjoni biex isibu kemm il-parteċipanti kienu realment sodisfatti bil-konsultazzjonijiet.

*"L-involviment taċ-ċittadini fil-konsultazzjonijiet pubbliċi huwa essenzjali biex tinżamm il-leġittimità demokratika tal-UE u biex jinkisbu liġijiet u politiki ta' kwalità għolja," qalet Annemie Turtelboom, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. "Jeħtieġ li l-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex tilħaq l-għan relatat mal-parteċipazzjoni pubblika bl-aħjar livell possibbli ta' sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini u billi tinforma lill-parteċipanti dwar l-eżitu tal-konsultazzjonijiet pubbliċi."*

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq [www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu).

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

Filwaqt li l-awdituri jirrikonoxxu l-istandard għoli tal-qafas tal-Kummissjoni u s-sodisfazzjon ġenerali tal-parteċipanti fir-rigward tal-proċess ta' konsultazzjoni, huma sabu nuqqasijiet fl-attivitajiet tagħha ta' sensibilizzazzjoni u ta' feedback.

Fl-2018, f'kull konsultazzjoni ħadu sehem medja ta' 2 000 ċittadin. Dan jeskludi l-konsultazzjoni dwar it-“tibdil fil-ħin”, li rċeviet ammont rekord ta' 4.6 miljun rispost – għalkemm il-maġġoranza l-kbira tagħhom ġew minn Stat Membru wieħed biss (il-Ġermanja). Madankollu, fil-kampjun tagħhom, l-awdituri sabu wkoll konsultazzjoni pubblika waħda li fiha pparteċipaw biss tliet persuni. Skont l-awdituri, dan juri li l-Kummissjoni jeħtieġ li ttejjeb l-attivitajiet tagħha ta' sensibilizzazzjoni. Huma jirrakkomandaw li hija għandha tinvolvi aktar lill-uffiċċji tagħha u lill-awtoritajiet fl-Istati Membri biex tiddissemina aktar informazzjoni dwar il-konsultazzjonijiet u tadatta l-mezzi tagħha ta' komunikazzjoni biex b'hekk tiżdied il-firxa ta' parteċipanti potenzjali u tiġi indirizzata kwalunkwe diskrepanza fl-informazzjoni. Skont l-awdituri, il-konsultazzjonijiet li kellhom ir-rati ta' rispons l-aktar baxxi ma użawx mezzi ta' komunikazzjoni differenti biex jilħqu l-udjenzi fil-mira tagħhom, għall-kuntrarju ta' dawk li kellhom l-ogħla rati.

Il-parteċipazzjoni kienet ukoll ogħla meta l-istħarriġ kien disponibbli fil-lingwi uffiċċjali kollha tal-UE. Madankollu, l-awdituri ma sabu l-ebda kriterju ċar biex jiġi deċiż jekk il-konsultazzjonijiet kinux ta' “interess pubbliku ġenerali” u jekk, għaldaqstant, kellhomx jiġu tradotti. Huma jistiednu lill-Kummissjoni biex tipprovdi dokumenti ewlenin għal dawn l-inizjattivi, kif ukoll għal inizjattivi ta' “prijorità”, fl-24 lingwa uffiċċjali tal-UE, biex iċ-ċittadini kollha jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod faċli u effettiv. Barra minn hekk jenħtieġ li l-istħarriġiet, li xi kultant kienu twal u kumplessi, ikunu aktar faċli għall-qarrejja.

Huwa probabbli ħafna li l-informazzjoni ta' thejjiġa dwar l-iskop ta' konsultazzjoni u dwar l-użu ppjanat tar-riżultati tagħha jkollha impatt favorevoli fuq ir-rata ta' parteċipazzjoni u fuq il-kwalità tar-risposti. L-awdituri osservaw li l-Kummissjoni ma kinitx qed tħejji u tippubblika sistematikament l-istrateġiji ta' konsultazzjoni tagħha jew informazzjoni oħra li kienet disponibbli minn qabel, u jirrakkomandaw biex hija tagħmel dan fil-futur.

L-awdituri jirrakkomandaw ukoll li l-Kummissjoni tipprovdi lill-parteċipanti b'informazzjoni f'waqtha dwar l-eżitu tal-konsultazzjonijiet. Huma sabu li l-feedback mibgħut lir-rispondenti ma kienx suffiċjenti: xi kultant kien hemm nuqqas ta' rapporti dwar ir-riżultati jew inkella dawn twasslu ħafna wara t-tmiem tal-konsultazzjonijiet, u ta' spiss bl-Ingliż biss.

Għalkemm l-analiżi tad-*data* mwettqa mill-Kummissjoni kienet kumplessivament sodisfaċenti, l-awdituri jwissu li l-kontrolli fir-rigward tal-validità tar-risposti huma limitati. Huma jappellaw għal standards għoljin għall-ipproċessar u s-sigurtà tad-*data* biex il-proċess ta' konsultazzjoni pubblika jiġi protett kontra l-manipulazzjoni tar-riżultati. Huma jirrakkomandaw li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll sistematikament jekk il-konsultazzjonijiet pubbliċi tagħha jkunux laħqu l-oġettivi kollha tagħhom.

### **Noti lill-Edituri**

L-OECD tikklassifika lill-Kummissjoni fl-ewwel post fost il-membri tagħha għall-involvement taċ-ċittadini fl-iżvilupp tad-dritt. Fl-2018, il-Parlament Ewropew talab lill-QEA biex tivvaluta kif iċ-ċittadini jistgħu jipparteċipaw u jikkontribwixxu direttament fil-proċess kollu tat-tfassil tal-liġijiet tal-UE.

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet interessati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati mis-settur tal-industrija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

Ir-Rapport Speċjali Nru 14/2019 “‘Semma’ leĥnek!’: il-konsultazzjonijiet pubbliċi tal-Kummissjoni jinvolve liċ-ċittadini, iżda l-attivitajiet ta’ sensibilizzazzjoni mhumiex biżżejjed” huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA ([eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)) bi 23 lingwa tal-UE. Preċedentement, l-awdituri ppubblikaw rapporti relatati dwar regolamentazzjoni aħjar u dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE fil-prattika.

**Kuntatt għall-istampa għal dan ir-rapport**

Damijan Fišer – E: [damijan.fiser@eca.europa.eu](mailto:damijan.fiser@eca.europa.eu)

T: (+352) 4398 45410 M: (+352) 621 55 22 24